

# LI WIEĦED JAQSAM ĠIDU MA' MIN HU FIL-BŻONN HU DMIR TAL-ĠUSTIZZJA

Skont it-tagħlim tal-Vanġelu, aħna m'aħniex sidien imma amministraturi tal-ġid li aħna għandna: dan, għalhekk, ma rridux inħarsu lejh bħala xi ħaġa għall-użu eklussiv tagħna, imma bħala mezz li permezz tiegħu l-Mulej isejjaħ lil kull wieħed u waħda minna biex ngħinu lil oħrajn bħala qaddejja tal-provvidenza tiegħu. Kif ifakkarna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, il-ġid materjali għandu valur soċjali, skont il-prinċipju tad-destinazzjoni universali tal-ġid tad-dinja (cf. n.2404).

Fil-vanġelu, Ġesu' b'mod espliċitu jwissi lil min għandu l-ġid u jażah biss għalih innifsu. Quddiem tant bnedmin li, għax ma għandhom xejn, isofru l-ġuħ, il-kliem ta' San Ġwann jieħu d-dehra ta' ċanfira: Kif tista' tgħammar l-imħabba t'Alla f'min għandu l-ġid tad-dinja u jara lil ħutu fil-bżonn u jibqa' ma jgħinhomx? (cf. 1 Ġw 3,17) F'dawk il-pajjiżi fejn il-popolazzjoni hi fil-parti l-kbira Nisranija, is-sejħa biex naqsmu ma' xulxin issir aktar urġenti, ladarba r-responsabilta' tagħhom favur dawk li jbatu l-ġuħ u l-abbandun hi akbar. Li wieħed jgħin f'dawn il-każijiet hu dmir tal-ġustizzja qabel ma hu att ta' karita'.

*Silta mill-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI, Randan 2008*

## EŻERĊIZZI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN F'MALTA

Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tistieden liż-żgħażagħ Għawdxin li jgħixu Malta minħabba studju u xogħol għal tlitt ijiem ta' riflessjoni u katekeżi dwar il-Kelma ta' Alla f'ħajjitna: l-Eżerċizzi tar-Randan. L-Eżerċizzi jsiru fil-Kappella tas-Sorijiet Franġiskani, Triq tal-Ħriereb, Msida, fis-7.15p.m.)

***Mill-Kalendarju Djoċesan***

| | |
|---|---|
| *It-Tnejn 22 ta' Frar:* | Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 7.00pm). |
| *Mit-Tlieta 23 sal-Ħamis 25 ta' Frar:* | Eżerċizzi żagħżagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tas-Sorijiet Franġiskani, Msida - 7.15pm). |
| *L-Erbgħa 24 ta' Frar:* | Laqgħa KKSK (Kunsill tal-Kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja). |
| *Is-Sibt 27 ta' Frar:* | Lectio Divina għaż-Żgħażagħ (Seminarju - 8.30pm - KDŻ). |

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu', daħħalni miegħek fid-deżert tar-riflessjoni biex nisma' dak li trid twassalli matul dan ir-Randan ħalli nirbaħ fuq il-ħażen.

gozopress



DJOĊESI TA' GHAWDEX

# Bullettin tal-Ħadd

Sena Saċerdotali 2009 - 2010

L-1 Ħadd tar-Randan • Sena Ċ • L-40 Sena (2134) • 21 ta' Frar 2010

F'dak iż-żmien: Ġesu', mimli bl-Ispirtu s-Santu, reġa' lura mill-Ġordan u tqanqal mill-Ispirtu biex imur fid-deżert, fejn għal erbgħin jum kien imġarrab mix-xitan. Matul dawk il-jiem ma kiel xejn; u mbagħad, meta għaddew, ħadu l-ġuħ. Għalhekk ix-xitan qallu: "Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż." U Ġesu' wieġbu: "Hemm miktub li l-bniedem mhux bil-ħobżbiss jgħix'." Imbagħad ħadu fil-għoli u wrieh is-saltniet tad-dinja kollha f'ħin wieħed; u qallu x-xitan: "Nagħtik is-setgħa fuq dawn kollha, bil-glorja tagħhom ukoll għax hija ngħatat lili, u jiena nagħtiha lil min irrid. Jekk tinxteħet quddiemi tadurani, kollha tiegħek tkun." Ġesu' wieġbu u qallu: "Hemm miktub, 'Lill-Mulej Alla tiegħek tadura, u lilu biss taqdi'." Imbagħad ħadu Ġerusalemm, qiegħdu fuq il-quċċata tat-Tempju, u qallu: "Jekk inti Bin Alla, inxteħet minn hawn għal isfel. Għax hemm miktub li 'lill-anġli tiegħu jordnalhom biex jieħdu ħsiebek sewwa,' u li 'fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma xi ġebla'." Wieġeb Ġesu' u qallu: "Jingħad, 'Iġġarabx lill-Mulej, Alla tiegħek'." Imbagħad ix-xitan, meta temm dan it-tiġrib kollu, telaq minn ħdejh sa ma jasal il-waqt. **(Lq. 4, 1-13)**




## RIFLESSJONI

- Ir-Randan għandu bħala skop li jgħinna nikbru fl-għarfien tal-misteru ta' Kristu li naslu għalih permezz tal-fidi mġedda.
- L-esperjenza tad-deżert iddaħħalna f'intimita' ma' Alla, imma wkoll tesponina għat-tentazzjonijiet.
- Il-kelma ta' Alla mismugħa u interpretata tajjeb, turina, bħalma għamlet fi Kristu, it-triq tal-verita' u tikxfilna l-qerq tax-xitan.
- It-taħriġ tagħna fit-talb u fil-penitenza jagħtina l-qawwa biex ma nilagħbux mat-tentazzjoni li faċli nsibu ma' wiċċna.
- Se nieħu impenn matul dan ir-Randan biex fi spirtu ta' smigħ tal-kelma, fiċ-ċaħdiet ta' kuljum, u fl-għoti ta' karita', nidħol iktar fl-esperjenza tiegħi ma' Alla u noħloq fija l-bniedem il-ġdid?